A.L. ---tal-2021

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2021 dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Tibdil tal-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2021 dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss.

**Skop.**

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ l-Artikoli 2, 3, 4, 6(5), 7, 8, 9, 10, 11, 12, u 14 tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu qafas għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 ta' dawn ir-Regolamenti, u għall-irkaptu ta' sajd li fih il-plastik.

**L.S. 549.43.**
**L.S. 549.63.**
**L.S. 549.141.**

(3) F'każ li kwalunkwe provvediment ta' dawn ir-Regolamenti jkun f'kunflitt mal-provvedimenti tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, Regolamenti dwar l-Iskart jew ir-Regolamenti dwar il-Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur, dawn ir-Regolamenti għandom jipprevalixxu.

**Tifsir.**

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

**L.S. 595.28.**

"l-Aġenzija" tfisser l-Ekonomija Ċirkulari Malta stabbilita bl-Ordni li Jwaqqaf Ekonomija Ċirkolari Malta;

**Kap. 549.**

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"Awtorità" jew "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità stabbilita bl-Artikolu 2 tal-Att;

**L.S. 499.71.**
"faċilità portwali fejn jintlaqa' l-iskart" tfisser faċilità portwali fejn jintlaqa' l-iskart kif imfisser f'regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u Jkun Ikkunsinnat l-Iskart Minn Bastimenti;

**L.S. 549.63.**
"ġbir" tfisser ġbir kif imfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.63.**
"ġbir separat" tfisser ġbir separat kif imfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.43.**
"ippakkjar" tfisser ippakkjar kif imfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart;

"irkaptu tas-sajd" tfisser kwalunkwe oġġett jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd jew fl-akkwakultura biex jimmira lejn, jaqbad jew irabbi, riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar, u li jintuża bil-għan li jattira u jaqbad jew irabbi tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

"isir disponibbli fuq is-suq" tfisser kwalunkwe forniment ta' prodott għal distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq ta' Stat Membru tul l-attività kummerċjali, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll jekk ikun mingħajr ħlas;

**Kap .549.**
"Ministru" tfisser Ministru kif imfisser fl-Artiklu 2 tal-Att;

**L.S. 549.141.**
"organizzazzjoni ta' responsabbilità ta' produttur" tfisser organizzazzjoni ta' responsabbilità ta' produttur kif imfisser fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur;

"plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru kif definit fil-punt 5 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament;

"plastik bijodegradabbli" tfisser plastik li kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li fl-aħħar jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju ($CO_2$), bijomassa u ilma, u huwa, b'mod konformi mal-istandards Ewropej għall-imballaġġ, rekuperabbli permezz tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika;

"prodott tal-plastik li jintuża darba biss" tfisser prodott li huwa magħmul kompletament jew parzjalment mill-plastik u li mhuwiex maħsub, iddisinjat jew imqiegħed fis-suq biex iwettaq, għat-tul tal-ħajja tiegħu, vjaġġi jew rotazzjonijiet multipli billi jiġi

DRAFT

rritornat għand produttur biex jerġa’ jimtela jew biex jerġa’ jintuża għall-istess skop li għalih kien maħsub;

**L.S. 315.10.**
“prodotti tat-tabakk” tfisser prodotti tat-tabakk kif imfisser fir-regolament 2 fir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati;

**L.S. 378.17.**
“produttur” tfisser:

(a) kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f’Malta li timmanifattura, timla, tbiegħ jew timporta professjonalment, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit f’regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, u t-tqegħid fuq is-suq ta' Malta ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mimlija jew irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fil-punt (28) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; jew

(b) kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru wieħed jew f’pajjiż terz li professjonalment tbiegħ f’Malta direttament lid-djar privati, jew lil utenti oħra li mhumiex djar privati, permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definiti f’regolament 2 tar-Regolamenti tad-Drittijiet tal-Konsumatur, prodotti tal-plastik li jintuża darba biss, prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mimlija jew irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, għajr persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fil-punt (28) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

**L.S. 549.141.**
“Skema ta' responsabbiltà estiża ta’ produttur” tfisser skema ta’ responsabbilità estiża ta’ produttur kif imfisser fir-regolament 3 tar-Regolament dwar Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur;

**Kap. 409.**
“stabbiliment li jipprovdi l-ikel” tfisser kwalunkwe stabbilimenti li jipprovdu l-ikel kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta.

“standard armonizzat” tfisser standard armonizzat kif definit f’punt (1)(c) tal-Artiklu 2 tar-Regolament (UE) No 1025/2012;

“tqegħid fis-suq” tfisser meta prodott isir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq ta' Malta;

**L.S. 549.63.**
“trattament” tfisser trattament kif imfisser fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.63.**

DRAFT

"irkaptu tas-sajd skartat" tfisser kwalunkwe rkaptu tas-sajd li huwa kopert mid-definizzjoni ta' skart fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart, inklużi l-komponenti, sustanzi jew materjali separati kollha, li kienu parti minn, jew marbuta ma', tali rkaptu tas-sajd meta ġie skartat, inkluż meta kien abbandunat jew mitluf;

**L.S. 549.63.**

"skart" tfisser skart kif definit fir-regolment 4 tar-Regolmenti dwar l-Iskart.

**Tnaqqis tal-konsum.**

**4.** (1) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb tnaqqis ambizzjuż u sostnut fil-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A ta' Skeda 1, f'konformità mal- għanijiet ġenerali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iskart, b'mod partikolari l-prevenzjoni tal-iskart, b'twassil għal treġġigħ lura sostanzjali ta' tendenzi ta' konsum li qed jiżdied. Dawk il-miżuri għandhom jiksbu tnaqqis kwantitattiv miżurabbli fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A ta' Skeda 1 fit-territorju ta' Malta sal-2026 meta mqabbel mas-sena 2022.

(2) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija jista' jinkludi miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum, miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumaturi finali jkunu disponibbli alternattivi riutilizzabbli għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A Skeda 1, strumenti ekonomiċi bħal strumenti li jiżguraw li dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali.

**L.S. 549.63.**

(3) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija jista' jimponi restrizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni b'deroga minn regolament 11 hekk kif stipulat fir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, għall-finijiet tal-prevenzjoni tar-rimi bl-addoċċ ta' tali prodotti sabiex jiżguraw li dawn jiġu sostitwiti b'alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma jkunx fihom plastik. Il-miżuri jistgħu jvarjaw skont l-impatt ambjentali ta' dawk il- prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż meta jiġu mormija bl-addoċċ.

(4) Il-miżuri adottati skont dan ir-regolament għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A ta' Skeda 1 li huma pprovduti vojta jew mimlija fil-punt tal-bejgħ m'għandhomx jiġu pprovduti mingħajr ħlas lill-konsumatur finali minn stabbiliment li jipprovdi l-ikel:

Dment li stabbiliment li jipprovdi l-ikel għandu jinforma lill-konsumaturi rigward id-dritt mitlub fuq prodotti tal-plastik li jintuża darba biss fil-punt tal-bejgħ:

DRAFT

Dment ukoll li l-Ministru għandu permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern jippreskrivi id-dritt applikabbli għal tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-modi li l-konsumaturi għandhom jiġu infurmati b'dawn id-drittijiet. Id-dritt għandu jiġi mitlub mill-konsumaturi finali mal-provvista ta' dawn il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u għandu jkun indikat b'mod ċar fl-irċevuta fiskali relatata.

(6) Migħajr prejudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali, Ewropea u Internazzjonali eżistenti, mill-1 ta' Jannar 2023, stabbilimenti li jipprovdu l-ikel għandhom jipprovdu numru adegwat ta' prodotti alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw minflok prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A ta' Skeda 1 fil-punt tal-bejgħ sakemm tkun prattikament possibbli:

Dment li l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel għandhom jinfurmaw lill-konsumaturi bid-disponibbiltà ta' prodotti alternattivi li jintużaw aktar minn darba u li d-dritt imsemmi f'subregolament (5) ta' dan ir-regolament ma japplikax għal dawn il-prodotti alternattivi li jintużaw aktar minn darba.

(7) Mill-1 ta' Jannar 2023, stabbilimenti li jipprovdu l-ikel għandhom joffru inċentivi adegwati lil konsumaturi li jġibu magħhom alternattivi li jintużaw iktar minn darba biss għall-plastik li jintuża darba biss elenkati fil-Parti A ta' Skeda 1 għall-konsum tal-ikel *take away* jew għax-xorb:

Iżda l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel għandhom jinfurmaw lil konsumaturi b'tali inċentiv.

(8) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' sigurtà stabbilita legalment, mill-1 ta' Jannar 2023, il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A ta' Skeda 1 m'għandhomx jiġu provduti vojta jew mimlija fil-punt tal-bejgħ minn kwalunkwe restorant, bar, *snack bar*, lido u *canteen*, inkluż *canteens* jew *cafeterias* fi skejjel, universitajiet, sptarijiet jew bini tal-gvern, għal kwalunkwe ikel jew xorb ikkunsmat fl-istess post.

(9) Il-Ministru f'konsultazjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandu jipprepara deskrizzjoni tal-miżuri adottati li għandu jsir skont is-subregolament (1) ta' dan ir-Regolament, jinnotifika id-deskrizzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u jagħmilha aċċessibbli għall-pubbliku.

**L.S. 549.62.**
**L.S. 549.100.**
**L.S. 549.63.**
**L.S. 499.71.**

(10) Id-deskrizzjoni tal-miżuri adottati skont dan ir-regolament għandu jifforma parti integrali u jkun konsistenti mal-:

(i) programm tal-miżuri stabbiliti skont regolament 10 tar-Regolamenti dwar Qafas fil-Politika Ambjentali tal-Baħar;

(ii) programm tal-miżuri stabbiliti skont regolament 12 tar-Regolamenti dwar pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma;

DRAFT

(iii) pjanijiet dwar l-immaniġjar tal-iskart u programmi dwar prevenzjoni tal-iskart stabbiliti fir-regolament 28 u regolament 29 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; u

(iv) pjanijiet għall-ilqugħ u l-ġestjoni tal-iskar stabbiliti skont ir-Regolamenti dwar il-Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u Jkun Ikkunsinnat l-Iskart Minn Bastimenti;

mal-ewwel aġġornament sussegwenti ta' dawk il-pjanijiet jew programmi skont l-atti leġislattivi rilevanti mal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni li jirregolaw dawk il-pjanijiet jew programmi, jew fi kwalunkwe programm ieħor imfassal speċifikament għal dak l-iskop.

(11) L-Awtorità Kompetenti u l-Aġenzija għandhom jissorveljaw il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Iskeda 1 li jitqiegħdu fis-suq u l-miżuri ta' tnaqqis meħuda abbażi tal-metodoloġija stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea skont l-artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2019/904.

**Rekwiżiti tal-prodotti.**

**5.** (1) Mill-1 ta' Jannar 2025, fliexken tax-xorb elenkati f'Parti D tal-Iskeda 1 mqiegħda fuq is-suq fit-territorju ta' Malta, li huma manifatturati minn polietilentereftalat bħala l-komponent ewlieni ("fliexken tal-PET") għandu ikun fihom tal-inqas 25% ta' plastik riċiklat, ikkalkulat bħala medja għal fliexken tal-PET kollha mqiegħda fis-suq fit-territorju ta' Malta.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2030, fliexken tax-xorb elenkati f'Parti D tal-Iskeda 1 mqiegħda fuq is-suq fit-territorju ta' Malta, għandu ikun fihom tal-inqas 30% ta' plastik riċiklat, ikkalkulat bħala medja għal fliexken kollha mqiegħda fis-suq fit-territorju ta' Malta.

(3) Produtturi li jqiegħdu fis-suq fliexken tax-xorb elenkati fil-Parti D tal-Iskeda 1 għandhom jilħqu l-miri stabbiliti f'subregolament (1) u (2) ta' dan ir-regolament, individiwalment jew kollettivament.

(4) Sabiex jiġi demostrat il-kisba tal-miri stabbiliti f'subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, għal kull sena partikolari il-produtturi għandhom jissottomettu lill-Awtorità informazzjoni rigward il-kontenut riċiklat fil-fliexken tax-xorb mqiegħda fuq is-suq Malti u jekk dawn il-miri humiex qed jiġu miksuba individwalment jew kollettivament, fi żmien erba'(4) xhur mill-għeluq tas-sena, skont il-proċedura stabbilita mill-Awtorità:

Dment li l-ewwel sena ta' referenza għal liem l-informazzjoni msemmija f'dan is-subregolament għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità hija l-2023:

Dment ukoll li kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-Awtorità għandha tiġi ivverifikata minn awditur indipendenti approvat mill-Awtorità.

(5) Jekk jirriżulta li f'sena partikolari, produttur, kemm jekk individualment jew kollettivament, falla milli jilħaq il-miri stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-



DRAFT

regolament, il-produttur jew produtturi għandhom jissottomettu lill-awtorità kompetenti miżata ambjentali kif preskritt fi Skeda 2.

**Rekwiżiti tal-immarkar.**
**L.S. 549.63.**

**6.** (1) Kull prodott tal-plastik li jintuża darba biss li huwa elenkat fil-Parti B tal-Iskeda 1 li jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b'mod li jidher, jinqara b'mod ċar u li ma jitħassarx fuq l-imballaġġ tiegħu jew fuq il-prodott innifsu abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2151 li jistabbilixxi regoli dwar l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarkar għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkanti fil-Parti D tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill dwar in-nuqqas tal-impatt ta' ċertu prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa b' dawn li ġejjin:

(a) l-għażliet adatti ta' ġestjoni tal-iskart għall-prodott jew il-mezzi għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott, skont il-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita f'regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart; u

(b) il-preżenza ta' plastiks fil-prodott u l-impatt negattiv fuq l-ambjent li jirriżulta mir-rimi bl-addoċċ jew minn mezz ieħor inadegwat ta' rimi tal-iskart tal-prodott.

**L.S. 315.10.**

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma b'żieda ma' kwalunkwe rekwiżiti oħra ta' tikkettar u immarkar ieħor stipulati f'leġislazzjoni oħra kemm nazjonali u Ewropea, inluż inter alia, dawk stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati għall-prodotti tat-tabakk.

**L.S. 549.140.**

(3) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti B tal-Iskeda 1 li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament għandhom jiġi pprojbiti skont ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqiegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss.

**Responsabbiltà estiża tal-produttur għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Sezzjoni III tal-Parti C tal-Iskeda 1 u l-irkaptu tas-sajd.**
**S.L. 549.141.**

**7.** (1) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandu jistabbilixxi skemi ta' responsabbiltà għall-produttur għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Sezzjoniji III tal-Parti Ċ fl-Iskeda 1 u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik li jitqiegħdu fis-suq ta' Malta, skont ir-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur:

Dment li dawn l-iskemi għandhom jiġu stabbiliti sal-5 ta' Jannar 2023 għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Sezzjoni III ta' Parti C tal-Iskeda 1 u sal-31 ta' Diċembru 2024 għall- irkaptu tas-sajd li fih il-plastik:

Dment ukoll li s-sajjieda nfushom, eskluż dawk is-sajjieda li jimportaw direttament l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u l-artiġjani li jagħmlu rkaptu tas-sajd li

fih il-plastik ma jitqisux bħala produtturi u m'għandhomx jinżammu responsabbli sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-produttur relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produttur taħt dan ir-regolament.

(2) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandu jiżgura li l-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjoni III ta' Parti C tal-Iskeda 1jkopri mill-inqas dawn l-ispejjeż:

(i) l-ispejjeż tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni stabbiliti f'Regolament 11 ta' dawn ir-Regolamenti

(ii) l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak ir-rimi bl-addoċċ; u

(iii) l-ispejjeż tal-ġbir u r-rappurtar ta' data skont punt (iii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (3) ta' Regolament 6 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur:

Dment li il-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Sezzjoni III ta' Parti D ta' Skeda 1, għandom ikopru ukoll l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart għal dawk il-prodotti mormija f'sistemi ta' ġbir pubbliċi, inklużi l-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak l-iskart. L-ispejjeż jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' infrastruttura speċifika għall-ġbir ta' skart għal dawk il-prodotti, bħal kontenituri ta' skart adatti f'postijiet fejn l-aktar isir rimi bl-addoċċ.

(3) L-ispejjeż li għandhom jiġu koperti msemmija f'subregolament (2) ta dan ir-regolament m'għandhomx jaqbżu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fihom b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati. L-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ għandhom ikunu limitati għal attivitajiet imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom. Dawn l-attivitajiet għandom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mingħand l-Awtorità.

Il-metodoloġija tal-kalkolu għandha tiġi żviluppata b'mod li tippermetti li l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat. Sabiex jitnaqqsu għall-minimu l-ispejjeż amministrattivi, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija jista' jiddetermina kontribuzzjonijiet finanzjarji lejn l-ispejjeż tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxi ammonti fissi pluriennali.

(4) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandu jiddefinixxi b'mod ċar l-irwoli u r-responsibiltajiet tal-atturi relevanti involuti kollha.

(5) Produtturi stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jqiegħdu prodotti fis-suq ta' Malta għandhom jappuntaw persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant

awtorizzat sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' produttur relatati ma' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fit-territorju ta' Malta.

(6) Produttur stabbilit f'Malta, li jbiegħ prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjonijiet III ta' Parti C tal-Iskeda 1 u l-irkaptu tas-sajd li fih l-plastik fi Stat Membru ieħor li fih mhuwiex stabbilit, għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun il-persuna responsabbli biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' dak il-produttur, skont ir-regolamenti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

(7) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità Kompetenti u l-Aġenzija għandu jistabbilixxi rata minima nazzjonali ta' ġbir annwali ta' skart ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik għar-riċiklaġġ.

(8) L-Awtorità Kompetenti għandha tissorvelja u tiġbor data fuq irkaptu tas-sajd li fih il-plastik mqiegħed fis-suq kif ukoll irkaptu tas-sajd li fih il-plastik li ġie miġbur.

**L.S.499.71.**

(9) Fir-rigward tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti skont is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità Kompetenti u l-Aġenzija għandu jiżgura li l-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-ġbir separat tal-iskart ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet portwali fejn jintlaqa' l-iskart skont ir-Regolamenti dwar il-Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u Jkun Ikkunsinnat l-Iskart Minn Bastimenti jew ġabra oħra ekwivalenti għall-sistema ta' kollezzjoni li taqa' barra mill-iskop ta' dawk ir-Regolamenti u l-ispejjeż sussegwenti għat-trasport u trattament. Il-produtturi għandhom ikopru ukoll l-ispejjeż tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni msemmija f'regolament 11 rigward irkaptu tas-sajd li fih l-plastik.

Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan is-subregolament jissupplimentaw ir-rekwiżiti applikabbli għall-iskart minn bastimenti tas-sajd fil-liġi nazzjonali tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet.

(10) Mingħajr preġudizzju għall-objettivi oħra stabbiliti f'dan ir-regolament, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità Kompetenti u l-Aġenzija jista' jiddeċiedi biex jilħaq l-objettivi stabbiliti għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik permezz ta' ftehimiet bejn l-awtorità kompetenti u s-setturi ekonomiċi kkonċernati. Tali ftehimiet għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti:

a. il-ftehimiet għandhom ikunu infurzabbli;
b. il-ftehimiet għandhom jispeċifikaw objettivi mad-dati ta' skadenza korrispondenti;
c. il-ftehimiet għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u trażmessi lill-Kummissjoni Ewropea;
d. ir-riżultati miksuba taħt ftehim għandhom ikunu mmonitorjati regolarment, irrappuratati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni u magħmula disponibbli għall-pubbliku taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim;

DRAFT

e. l-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel dispożizzjonijiet biex teżamina l-progress li jintlaħaq taħt ftehim; u

f. f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ftehim, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità Kompetenti u l-Aġenzija għandu jimplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-Regolamenti b'miżuri leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi.

**Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għall-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjoni 1 u II ta' Parti Ċ tal-Iskeda 1.**
**S.L. 549.43.**

**8.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart, sal-5 ta' Jannar 2023, produtturi tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Sezzjoni I u f'Sezzjoni II ta' Parti Ċ ta' Skeda 1 għandhom, sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dawn ir-Regolamenti, jipparteċipaw f'Organizzazzjoni awtorizzata tal-Irkupru tal-Iskart tal-Ippakkjar skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart, kemm jekk dawn il-prodotti huma ippakjar skont kif imfisserfir-regolament 3 ta' dawk ir-regolamenti u kemm jekk mhumiex.

**L.S. 549.141.**
**L.S. 549.43.**

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3) tar-Regolament 6 ta' Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur u r-Regolamenti tal-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart, organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar skont r-Regolamenti tal-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart jaġixxu f'isem il-produttur msemmi f'subregolament (1) għandu, sakemm mhux diġa inkluż, tkopri l-ispejjeż li ġejjin li jappartjenu għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Sezzjoni 1 ta' Parti Ċ tal-Iskeda 1:

(i) il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni msemmija f'Regolament 9 ta' dawn ir-Regolamenti;

(ii) ġbir ta' skart għall-dawk il-prodotti li huma mormija fis-sistemi ta' ġbir pubbliku, inkluż l-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u ttrattament sussegwentament ta' dak l-iskart; u

(iii) tindif ta' rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwent ta' dak ir-rimi bl-addoċċ;

Dment li l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti msemmija f'dan is-subregolament m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż neċessarji biex jipprovdu is-servizzi msemmija fihom b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati;

Dment ukoll li l-ispejjeż biex jinġabar rimi bl-addoċċ għandhom jiġu limitati għall-attivitajiet meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom. Dawn l-attivitajiet għandom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mingħand l-Awtorità. Il-metodoloġija tal-kalkolu għandha tiġi żviluppata b'mod li tippermetti li l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat. Sabiex jitnaqqsu għall-

minimu l-ispejjeż amministrattivi, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija jista' jiddetermina kontribuzzjonijiet finanzjarji lejn l-ispejjeż tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxi ammonti fissi pluriennali.

**L.S. 549.141.**
**L.S. 549.43.**

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur u r-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, organizzazzjoni awtorizzata tal-Irkupru tal-Iskart tal-Ippakkjar skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart taġixxi f'isem il-produtturi msemmija fis-subregolament (1) għandha, sakemm mhux diġa' inklużi, tkopri l-ispejjeż li jemanu mill-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati fis-Sezzjoni II tal-Parti Ċ ta' Skeda 1:

(i) il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni msemmija f'Regolament 9 ta' dawn ir-Regolamenti;

(ii) tindif ta' rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwent ta' dak ir-rimi bl-addoċċ;

(iii) ġbir ta' data u rappurtaġġ skont il-punt (iii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tar-regolament (6) tar-Regolamenti dwar il-Qafas ta' Responsabbilità Estiża tal-Produttur:

Dment li l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti msemmija f'dan is-subregolament m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż neċessarji biex jipprovdu is-servizzi msemmija fihom b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati:

Dment ukoll li l-ispejjeż biex jinġabar rimi bl-addoċċ għandhom jiġu limitati għall-attivitajiet meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom. Dawn l-attivitajiet għandom ikunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mingħand l-Awtorità. Il-metodoloġija tal-kalkolu għandha tiġi żviluppata b'mod li tippermetti li l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat. Sabiex jitnaqqsu għall-minimu l-ispejjeż amministrattivi, il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija jista' jiddetermina kontribuzzjonijiet finanzjarji lejn l-ispejjeż tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxi ammonti fissi pluriennali.

**L.S. 549.43.**

(4) Produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjonijiet I u II ta' Parti Ċ tal-Iskeda 1, kemm jekk it-tali prodottihuma ippakkjar kif imfisserfir-regolament 3 u kemm jekk mhumiex, għandhom jirreġistraw u jirrapurtaw skont regolamenti 21 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart:

Dment li fl-użu tad-*database* eżistenti stabbilita taħt regolament 9 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjjar tal-Iskart, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li dawn id-*databases* ikun fihom entrati separati għall-ippakkjar u għall-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss koperti b'dan ir-regolament biex

jiġi assigurat li d-*data* għall-ippakkjar u l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss tista' tiġi identifikata għall-iskopijiet ta' dan ir-regolament:

Dment ukoll li l-produtturi, inkluż dawk il-produtturi li diġa' għandhom numru tar-reġistrazzjoni taħt ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart, għandhom jinħarġilhom numru ta' reġistrazzjoni uniku jindentifikahom bħala produtturi jew tal-ippakkjar u tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jew produtturi tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjonijiet I u II ta' Parti Ċ Skeda 1.

**L.S. 549.43.**

(4) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart, produttur stabbilit f'Malta li jbiegħ prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjoni I u II ta' Parti Ċ tal-Iskeda 1, kemm jekk il-prodotti huma ippakkjar kif imfisser fir-regolament 3 u kemm jekk le, fi Stat Membru ieħor fejn m'huwiex stabbilit, il-produttur għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat bħala l-persuna responsabbli għat-twettiq tal-obbligi ta' dak il-produttur skont dawn ir-Regolamenti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

**Awtorizzajoni biex topera organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur.**
**L.S. 549.63.**

**9.** Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, persuni li beħsiebhom joperaw bħala organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur speċifikament biex jissodisfaw l-obbligi imposti minn dawn ir-regolamenti, f'isem il-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati f'Sezzjoni III ta' Parti Ċ ta' Skeda 1 u/jew irkaptu tas-sajd li fih l-plastik, għandhom jeħtieġu u jiksbu awtorizzazzjoni valida mill-awtorità kompetenti taħt dawn ir-Regolamenti skont l-Att.

**Drittijiet mitluba mill-awtorità kompetenti.**

**10.** L-Awtorità Kompetenti tista' titlob lil produtturi tali drittijiet kif meħtieġ biex ikopru l-ħlas tal-amministrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

**Ġbir Separat.**
**L.S. 549.134.**

**11.** (1) Produtturi tal-prodotti elenkati f'Parti D tal-Iskeda 1 għandhom ikopru mar-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ ta' Kontenituri tax-Xorb biex jiżguraw li dawn il-miri minimi tal-ġbir b'mod separat għar-riċiklaġġ jiġu milħuqa:

(a) Sal-1 ta' Jannar 2025, ammont ta' skart ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Parti E Skeda 1 li jammonta għal 77% ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż; u

(b) Sal-1 ta' Jannar 2029 ammont ta' skart ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Parti E tal-Iskeda li jammonta għal 90% ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż;

Dment li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Parti E tal-Iskeda 1 imqiegħda fis-suq ta' Malta jistgħu jitqiesu li jkunu daqs l-ammont ta' skart iġġenerat minn tali prodotti, inklużi dak li jkun mormi bl-addoċċ, fl-istess sena f'Malta:

DRAFT

**L.S. 549.63.**
**L.S. 549.134.**

Dment ukoll li tali kollezzjoni hija mingħajr preġudizzju għas-subregolament (3)(a) tar-regolament 10B tar-Regolamenti dwar l-Iskart u/jew kwalunkwe obbligu ieħr taħt ir-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ tal-Kontenituri tax-Xorb.

(2) Il-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tal-miri rigward il-ġbir separat imniżżla f'dan ir-regolament, kif stabbilit mill-Kummissjoni permezz tal-artikolu 9(3) tad-Direttiva (UE) 2019/904, għandu japplika.

**Miżuri ta' sensibilizzazzjoni.**
**L.S. 549.63.**

**12.** Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtortità Kompetenti u l-Aġenzija għandhu jieħu miżuri biex jinfurmaw lill-konsumaturi u biex jinċentiva mġieba responsabbli tal-konsumatur, sabiex jitnaqqas ir-rimi bl-addoċċ derivat minn prodotti koperti minn dawn ir-Regolamenti, u għandhu jieħu miżuri sabiex jinfurma lill-konsumaturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati f'Parti E tal-Iskeda 1 u lill-utenti tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik dwar dan li ġej:

a. id-disponibbilità ta' alternattivi għall-użu mill-ġdid, sistemi ta' użu mill-ġdid u l-għażliet ta' ġestjoni tal-iskart għal dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aħjar prattiki ta' ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont paragrafu 3 ta' Parti 1 ta' Skeda 5 imniżżla fir-Regolamenti dwar l-Iskart;

b. l-impatt ta' rimi bl-addoċċ u rimi inadegwat ieħor ta' skart ta' dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-ambjent marin; u

c. l-impatt ta' mezzi inadegwati ta' rimi ta' skart ta' dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fuq in-netwerk tad-drenaġġ.

**Speċifikazzjoni u gwidi fuq il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss.**

**13.** Sabiex jiġi stabbilit jekk kontenitur tal-ikel għandux jiġi kkunsidrat bħala prodott tal-plastik li jintuża darba biss għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, minbarra l-kriterji elenkati f'Skeda 1 fir-rigward ta' kontenituri tal-ikel, għandha jkollha rwol deċiżiv it-tendenza tiegħu li jintrema bl-addoċċ, minħabba l-volum jew qies tiegħu, b'mod partikolari dawk ta' porzjon wieħed:
Iżda kontenituri tal-ikel b'ikel imnixxef jew ikel li jinbiegħ kiesaħ li jeħtieġ aktar tħejjija, kontenituri li fihom ikel f'aktar minn porzjon wieħed jew kontenituri tal-ikel b'porjzon wieħed mibjugħ minn unità waħda m'għandomx jiġu ikkunsidrati bħala prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss għall-finjiet ta' dawn ir-regolamenti.

**Reati.**

**14.** Kwalunkwe persuna għandha tinstab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

DRAFT

a. tonqos milli jikkonfroma ma’ xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-permess jew xi ordni mogħtija legalment skont xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;
b. tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti jew li joħorġu minn dawn ir-regolamenti; jew
c. taġixxi bi ksur ta’ xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;
d. tikkonfoffa ma’ jew tattenta, tgħin, tħajjar, xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz inkluż reklamar, tagħti pariri, jew tipprokura biex tikser id-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma ma’ dawn ir-regolamenti, inklużi kull ordni mogħtija legalment mogħtija fi kwalunkwe termini mad-dispożizzjonijiet ma’ dawn ir-regolamenti, jew tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

**Penali.**

**15.** Kull persuna li tikkommetti reat kontra dawn ir-Regolamenti għandha, meta tinstab ħatja, tkun responsabbli:

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta’ mhux iżjed minn elfejn, tlett mija u tletin euro (€2,330);

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta’ mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u sitta u sittin euro (€4,666):

Iżda kull meta persuna tinstab ħatja li rkun wettqet reat taħt dawn ir-Regolamenti b’mezzi ta’ vettura, sid dik il-vettura għandu meta dan ikun japplikajinżamm responsabbli bl-istess mod u grad:

Iżda wkoll il-Qorti għandha tordna lil kull persuna li tinstab ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas li jkunu saru mill-Awtorità Kompetenti bħala riżultat ta’ dak ir-reat, ir-revoka ta’ kull permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, kif ukoll tal-vettura, jekk ikun applikabbli.

**Applikazzjoni tal-Kodiċi Kriminali.**
**Kap. 9**

**16.** (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw, *mutatis mutandi*, għal proċeduri dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b’dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha fl-ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja li d-dispożizzjonijiet ta’ artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċeduri dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont ma jista’ jkun il-każ, u għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati tal-ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal–Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta’ appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza



DRAFT

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċeduri għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

**SKEDA 1**

**PARTI A**

**Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-Regolament 4 dwar it-tnaqqis tal-konsum**

(1) Tazez għax-xorb, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom;

(2) Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, b'għatu jew mingħajr, użati biex jitpoġġa l-ikel fihom li:

(a) jkun maħsub għal konsum immedjat, jew fuq il-post jew bħala '*take-away'*,

(b) tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur, u

(c) jkun lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tisħin,

inklużi kontenituri tal-ikel użati għal ikel ta' malajr (fast food) jew ikliet oħra lesti għal konsum immedjat, minbarra kontenituri tax-xorb, platti, pakketti u tgeżwir li fihom l-ikel.

**PARTI B**

**Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-Regolament 5 dwar ir-rekwiżiti tal-immarkar**

(1) Assorbenti sanitarji (*pads*), tampuni u applikaturi tat-tampuni;

(2) '*Wet wipes'*, jiġifieri '*wipes'* imxarrbin minn qabel tal-kura personali u għal użu domestiku;

(3) Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk;

(4) Tazez għax-xorb.

**PARTI Ċ**

## I. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-Regolament 8 dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur

(1) Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, b'għatu jew mingħajr, użati biex ikollhom kontenut ta' ikel fihom li

(a) jkun maħsub għal konsum immedjat jew fuq il-post jew bħala '*take-away*',

(b) tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur, u

(c) jkun lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tisħin,

inklużi kontenituri tal-ikel użati għal fast food jew ikliet oħra lesti għal konsum immedjat, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u tgeżwir li fihom l-ikel;

(2) Pakketti u tgeżwir magħmula minn materjal flessibbli li fihom jitqiegħed ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir individwali mingħajr l-ebda tħejjija oħra;

**L.S. 549.134.**

(3) Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa tliet litri, jiġifieri r-reċipjenti użati biex ikun fihom likwidu bħal fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom u l-imballaġġ ta' xorb imħallat inkluż it-tappijiet u l-għotjien tiegħu, iżda mhux kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik, eskluż dawk il-kontenuri tax-xorb li jintużaw darba biss li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolamenti dwar ir-Riċiklaġġ tal-Kontenituri tax-Xorb;

(4) Tazez għax-xorb, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom;

**L.S. 549.139.**

(5) Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna kif definiti f'Regolament 3 imniżżla f'Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq tal-Basktijiet tal-Plastik Ħfief.

## II. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-Regolament 8 dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur

(1) '*Wet wipes'*, jiġifieri '*wipes'* imxarrbin minn qabel tal-kura personali u għal użu domestiku;

(2) Bżieżaq, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn, li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi.

## III. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-Regolament 7 dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur

(1) Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk.

DRAFT

## PARTI D

**Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-Regolament 5 dwar rekwiżiti tal-prodotti u regolament 11 fuq ġbir separat**

Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa tliet litri, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tiegħu, ta' xorb, iżda mhux:

(a) kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik,

(b) kontenituri tax-xorb maħsuba u użati għal ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 li jkun f'forma likwida.

## PARTI E

**L.S. 549.139.**

**Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mir-regolament 8 dwar miżuri ta' sensibilizzazzjoni**

(1) Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, b'għatu jew mingħajr, użati biex ikollhom kontenut ta' ikel fihom li:

(a) jkun maħsub għal konsum immedjat jew fuq il-post jew bħala '*take-away*',

(b) tipikament jiġi kkunsmat mill-kontenitur, u

(c) jkun lest biex jiġi kkunsmat mingħajr l-ebda tħejjija oħra, bħal tisjir, togħlija jew tisħin,

inklużi kontenituri tal-ikel użati għal ikel ta' malajr jew ikliet oħra lesti għal konsum immedjat, minbarra kontenituri tax-xorb, platti, pakketti u tgeżwir li fihom l-ikel;

(2) Pakketti u tgeżwir magħmula minn materjal flessibbli li fihom jitqiegħed ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-pakkett jew mit-tgeżwir individwali mingħajr l-ebda tħejjija oħra;

(3) Kontenituri tax-xorb b'kapaċità sa tliet litri, jiġifieri r-reċipjenti użati biex ikun fihom likwidu bħal fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom u l-imballaġġ ta' xorb imħallat inkluż it-tappijiet u l-għotjien tiegħu, iżda mhux kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ jew tal-metall li jkollhom it-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik;

(4) Tazez għax-xorb, inklużi l-għotjien tagħhom;

(5) Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk;

(6) '*Wet wipes'*, jiġifieri '*wipes'* imxarrbin minn qabel tal-kura personali u għal użu domestiku;

(7) Bżieżaq, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn, li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi;

(8) Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna kif definiti f'Regolament 3 imniżżla f'Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq tal-Basktijiet tal-Plastik Ħfief;

(9) Assorbenti sanitarji (*pads*), tampuni u applikaturi tat-tampuni.

## SKEDA 2

### Miżata Ambjentali taħt regolament 5

Produtturi tal-kontenituri tax-xorb elenkati f'Parti E tal-Iskeda 1 li fallew, jew individwalment jew kollettivament, biex jilħqu il-miri applikabbli tal-kontenut riċiklat tal-plastik stabbiliti f'regolament 5 matul is-sena operativa preċedenti għandhom jissottomettu miżata ambjentali, jew individwalment jew kollettivament kif applikabbli, lill-Awtorità fi żmien 6 xhur tas-sena ta' wara, kkalkulata kif ġej:

$A*(B - C)*D = EF$

fejn:

"A" huwa l-piz totali, f'tunnellati tal-flieken tax-xorb elenkati f'Parti E ta' Skeda 1 tqegħid fis-suq matul is-sena operattiva preċedenti;

"B" huwa il-minimu tal-miri ta' kontenut tal-plastik riċiklat stabbilit f'regolament 5 applikabbli għal dik is-sena operattiva;

"C" huwa il-kontenut tal-plastik riċiklat fi fliexken tal-PET, ikkalkulati bħala medja għall-fliexken tal-PET mqegħda fis-suq ta' Malta mill-produtturi, jew individwalment jew kollettivament, matul is-sena operattiva preċedenti, dment li jekk C tkun akbar minn jew daqs ta' B, EF tkun ikknsidrata li tkun indaqs għall-zero (0);

"D" hija il-miżata ekwivalenti għal:

- Mitt ewro (€100) għal kull tunnellata jekk id-differenza bejn "B" u "C" hija akar minn 15-il punt perċentwali;
- Ħamsa u sebgħin ewro (€75) għal kull tunnellata jekk id-differenza bejn "B" u "C" hija bejn 15 u 10 punti perċentwali, it-tnejn inklużi; u
- Ħamsa u ħamsin ewro (€55) għal kull tunnellata jekk id-differenza bejn "B" u "C" hija inqas minn 10 punti perċentwali;

"EF" hija il-miżata ambjentali għall-produtturi tal-fliexken tax-xorb elenkati f'Parti E ta' Skeda 1 li fallew, jew individuwalment jew kollettivament, biex jilħqu il-miri tal-kontentu minimu tal-plastik riċiklat.

L-Awtorità għandha tindika li l-proċedura amministrattiva għall-ħruġ u kollezjoni tal-miżata ambjentali u għandha tinnotifika lill-produttur jew produtturi.

**L.S. 549.63.**

Id-dħul kollu ġġenerat taħt din l-Iskeda għandu jkun imħallas lill-Fond dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart kif stabbilit f'regolament 37 tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

DRAFT